



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

*Kumitat għall-Petizzjonijiet*

24.6.2010

## AVVIŻ LILL-MEMBRI

**Suġġett:** Petizzjoni 0006/2010, impressqa minn Mika Ollila, ta' nazzjonalità Finlandiża, dwar ir-rati tal-interess fuq ħlasijiet tardivi meta tiġi impurtata vettura fil-Finlandja

### 1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonant jilmenta li l-Istat Finlandiż japplika rata ta' interess ta' 9% għal ħlasijiet tardivi meta tiġi impurtata vettura. Din ir-rata ta' interess hija oħla minn dik applikata għal tranżazzjonijiet bankarji kurrenti u, skont il-petizzjonant, hija maħsuba biex tipprevjeni l-importazzjoni ta' vetturi minn Stati Membri oħra, jiġifieri ostaklu li jxekkel il-moviment liberu tal-oġġetti fl-UE.

### 2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fid-19 ta' April 2010. Il-Kummissjoni ġiet mistiedna biex tagħti informazzjoni (Artikolu 202(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

### 3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fl-24 ta' Ġunju 2010.

L-Istat Finlandiż japplika rata ta' interess ta' 0.5% fuq taxxa fuq il-karozzi miġbura indebitament meta tkun ġiet impurtata vettura fil-Finlandja. Din ir-rata ta' interess hija ċarament aktar baxxa minn dik applikata għat-tranżazzjonijiet bankarji kurrenti. Il-petizzjonant jilmenta li r-rata baxxa ta' interess hija maħsuba biex tipprevjeni l-importazzjoni ta' vetturi minn Stati Membri oħra, jiġifieri ostaklu li jxekkel il-moviment liberu tal-oġġetti fl-UE.

Il-Qorti ddeċidiet b'mod konsistenti li l-individwi huma intitolati għal ħlas lura ta' taxxi miġbura fi Stat Membru bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-UE. Dan id-dritt huwa l-konsegwenza u l-aspett supplimentari tad-drittijiet mogħtija lill-individwi mid-

dispożizzjonijiet tal-UE kif interpretati mill-Qorti. Għaldaqstant, bi prinċipju, l-Istat Membru inkwistjoni huwa mitlub li jħallas lura t-taxxi miġbura bi ksur tal-liġi tal-UE.<sup>1</sup>

Madankollu, jirriżulta wkoll mill-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja li fl-assenza ta' regoli tal-UE dwar il-ħlas lura ta' taxxi nazzjonali indebitament miġbura, huwa l-kompli tas-sistema legali interna ta' kull Stat Membru li taħtar il-qrat kompetenti u li tistabbilixxi fid-dettall ir-regoli proċedurali li jirregolaw l-azzjonijiet li huma intiżi sabiex jiżguraw il-protezzjoni ta' drittijiet li l-individwi jinvokaw taħt il-liġi tal-UE. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, tali regoli nazzjonali m'għandhomx ikunu inqas favorevoli minn dawk li jirregolaw azzjonijiet simili ta' natura interna (il-prinċipju ta' ekwivalenza) u għandhom ikunu effettivi, jiġifieri ma jirrendux prattikament impossibbli jew eċċessivament diffiċċi l-eżerċitar tad-drittijiet li jirriżultaw mil-liġi Komunitarja (il-prinċipju ta' effettività)<sup>2</sup>.

Fir-rigward tal-każ inkwistjoni, sa fejn taf il-Kummissjoni, m'hemmx indikazzjonijiet ta' ksur taż-żewġ kundizzjonijiet imsemmija hawn fuq. Konsegwentement, jekk ċittadin ma jkunx sodisfatt bis-sitwazzjoni, ikollu jirrikorri għall-mezzi nazzjonali ta' rimedju – amministrattivi jew ġudizzjarji.

---

<sup>1</sup> Ara, b'mod partikolari, il-Kawżi Konġunti C-192/95 sa C-218/95 Comateb et al., paragrafu 20; il-Kawżi Konġunti C-397/98 u C-410/98 Metallgesellschaft et al., paragrafu 84; il-Kawża C-62/00 Marks & Spencer, paragrafu 30; u l-Kawża C-147/01, Weber's Wine World, paragrafu 93.

<sup>2</sup> Ara, b'mod partikolari, Metallgesellschaft et al., paragrafu 85; Kawża C-255/00 Grundig Italiana, paragrafu 33; u Weber's Wine World, paragrafu 103.